# Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Lulju 2024

NR 163/2024 Data tal-Ħruġ: 09 ta’ Settembru 2024 Data tal-Għeluq: 01 ta’ Awwissu 2024

*Ċifri proviżorji tal-kummerċ tal-merkanzija juru li, f’Lulju 2024, kien irreġistrat defiċit kummerċjali ta’ €502.1 miljuni, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €456.6 miljun tal-istess xahar fl-2023.*




**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Lulju 2024**

It-tagħrif kollu mogħti f’din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet jippreżenta l-kummerċ kollu tal-merkanzija sad-data tal-għeluq imsemmija. Ċifri proviżorji juru li, f’Lulju 2024, kien irreġistrat defiċit ta’ €502.1 miljuni, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €456.6 miljun tal-istess xahar fl-2023. L-importazzjoni ammontat għal €894.6 miljun, mentri l-esportazzjoni kienet ta’ €392.5 miljun. Dan juri żidiet ta’ €51.2 miljun u €5.7 miljuni fl-importazzjoni u l-esportazzjoni, rispettivament, fuq l-istess xahar tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1). Iż-żieda ewliena fl-importazzjoni kienet fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€103.0 miljuni), filwaqt li kien hemm tnaqqis fl-importazzjoni tal-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€34.0 miljun) u l-Ikel (€18.1-il miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żidiet ewlenin kienu rreġistrati fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€42.2 miljun), l-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€18.6-il miljun) u l-Ikel (€10.4 miljuni). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fl-esportazzjoni tal-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€74.4 miljun) (Tabella nru 3).

**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Jannar-Lulju 2024**

Fl-ewwel seba’ xhur tas-sena, id-defiċit ċkien b’€61.8 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta’ qabel u kien ta’ €2,456.5 miljun. L-importazzjoni kienet ta’ €5,167.8 miljun, filwaqt li l-esportazzjoni laħqet l-€2,711.3-il miljun. Dan fisser żidiet ta’ €147.1 miljun u €208.9 miljuni, rispettivament (Tabella nru 1). Iż-żieda fl-importazzjoni dehret l-aktar fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€314.1-il miljun) u l-Kimika (€71.4 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fl-importazzjoni tal-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€116.5-il miljun), l-Oġġetti semi-manifatturati (€54.6 miljun) u l-Ikel (€40.3 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żidiet ewlenin kienu fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€181.9 miljun), il-Kimika (€32.0 miljun) u l-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€20.0 miljun). Min-naħa l-oħra, kien irreġistrat tnaqqis fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€14.4-il miljun) u l-Ikel (€8.1 miljuni) (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija: Data ta’ kull xahar




Il-merkanzija kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, miġjuba mill-Unjoni Ewropea (54.6 fil-mija) u mill-Asja (22.2 fil-mija). Simili għas-sitwazzjoni tal-importazzjoni, l-akbar numri tal-esportazzjoni kienu rreġistrati lejn l-Unjoni Ewropea (35.0 fil-mija) u l-Asja (11.2 fil-mija). L-akbar żieda fl-importazzjoni ġiet mit-Turkija (€94.8 miljun), filwaqt li l-importazzjoni minn Franza rreġistrat l-akbar tnaqqis (€129.8 miljun). L-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti rreġistrat l-akbar żieda (€141.7 miljun), filwaqt li dik lejn il-Kroazja kellha l-akbar tnaqqis (€57.0 miljun) (Tabella nru 4).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Lulju 2024**

F’Lulju, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi oġġetti speċifiċi kien jgħodd €249.3 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €284.5 miljun li kien irreġistrat fl-istess xahar tal-2023. L-importazzjoni u l-esportazzjoni kienu jiswew €496.1 miljun u €246.7 miljun, rispettivament, u b’hekk kien hemm tnaqqis ta’ 2.8 fil-mija fl-importazzjoni u żieda ta’ 9.2 fil-mija fl-esportazzjoni fuq l-istess xahar tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Jannar-Lulju 2024**

Fl-ewwel seba’ xhur tal-2024, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jeskludi xi oġġetti speċifiċi kiber b’€57.7 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta’ qabel, sabiex laħaq l-€1,580.9 miljun. L-importazzjoni żdiedet b’0.3 fil-mija, filwaqt li l-esportazzjoni naqset bi 3.0 fil-mija sabiex laħqu €3,188.9 miljun u €1,608.0 miljuni, rispettivament (Tabella nru 1).

## Ċart nru 2. Il-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] - Data ta’ kull xahar




## Ċart nru 3. It-tibdil perċentwali fil-kummerċ tal-merkanzija

Tqabbil mal-istess xahar ta’ sena qabel




## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ sħiħ tal-merkanzija bil-gruppi ewlenin tal-prodotti

Lulju 2024




## Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] bil-kontinent/reġjun

Lulju 2024




[1] Id-data teskludi Fjuwil Minerali, Lubrikanti u Materjal Relatat (Kapitlu 27), Inġenji tal-Ajru, Inġenji tal-Ispazju, u Partijiet Tagħhom (Kapitlu 88) u Bastimenti, Dgħajjes u Strutturi li jżommu f’Wiċċ l-Ilma (Kapitlu 89). Ara n-nota metodoloġika nru 8.

Nota: It-totali jistgħu ma jgħoddux eżatt minħabba l-arrotondament.